MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-21 ta' Frar, 2013

Numru. 147/2013

**SPETTUR JOSEPH BUSUTTIL**
**VS**
**NIKOLOV MARTIN ORLINOV**
**OMMISSIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Nikolov Martin Orlinov bin Orlin u Stanka nee' Raulova, mwieled 29 ta' April 1981 Bulgaria, residenti The Meadows, Flat 17, Triq l- Alka, San Pawl il- Bahar u detentur tal- Karta tal- Identita' 62646A;

U

Lukova Antoaheta bint Petko u Todorka nee' Toshkova, mwielda nhar is- 17 ta' Jannar 1991 Bulgaria, residenti The Meadows, Flat 17, Triq l- Alka, San Pawl il- Bahar u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 60244°;

Talli f’ dawn il- Gzejjer f’ diversi bnadi nhar it- 12 ta’ Frar 2013 u fix- xhur ta’ qabel b’ diversi atti maghmulin minnhom ukoll jekk fi zminijiet differenti jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u jkunu gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda;
Talli f’ dawn il- Gzejjer fit- 12 ta’ Frar 2013 u fix- xhur ta’ qabel, minn vettura JAG 898 ta’ tip Mistubishi Pajero li kienet ipparkjata fi Triq in- Nases, Mellieha u minn diversi bnadi ohra f’ dawn il- Gzejjer;

1. ikkommettew serq ta’ 2 laptops, diversi mobile phones, diversi digital cameras, I pod, satellite navigation system, make up sets, arloggi tal- idejn, nuccalijiet, flus kontanti, Play Station Portable u apparat iehor relatat mat- teknologija ghad- dannu ta’ Paul Vella ID 76472M u/jew persuni ohra u dan aggravat bil- hin, bil- valur u bix- xorta tal- haga misruqa;

2. volontarjamennt hassru jew ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ hsara fuq soft top ta’ vettura JAG 898 ta’ tip Mistubishi Pajero, liema hsara ma teccedix €1,164.69 izda taccedi €116.47 ghad- dannu ta’ Paul Vella ID 76472M u/jew persuni ohra;

3. talli laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq, jew akkwistaw b’ reat, sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta, xjentament b’ kull mod li hu ndahlu biex ibieghhuhom jew imexxuhom;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi t-tieni imputazzjoni giet irtirata mill-Prosekuzzjoni, u ghalhekk il-Qorti ordnat li l-imputazzjonijiet kif korretti jinqraw mill-gdid;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti giet hekk konvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u l-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi r-res furtiva tinsab fil-pussess tal-Ufficjal Prosekutur, u ghalhekk setghet tinghata lura lid-derubati;

Rat illi l-ewwel imputazzjoni u t-tielet imputazzjoni ma kienux alternattiva ghal xulxin, u ghalhekk il-Qorti kellha tikkalibra l-piena skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 270, 271(g), 325(1)(b) u 334 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------